12 ta' Ottubru, 1954.

Imħallef .
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Violet Nicosia et. versus Bice Borg

**Ċitazzjoni — Ġudizzju Kollettiv — Nullità.**

*Ġudizzju kollettiv ma jistax jingħad illi hu dejjem u fi kwalunkwe kaž null; għax hemm każijiet meta dan il-ġudizzju huwa wkoll ammess.*

*Għall-ammissibilità ta' dan l-ġudizzju hu meħtieġ, mhux biss illi l-kwistjoni li tkun trid tiġi riżoluta tkun identika għal kull wieħed mill-atturi, imma wkoll illi l-interess derivanti mit-titolu u l-oġġett tal-kawża jkun komuni; jiġifieri illi ċ-ċitazzjoni kollettiva hi ammissibili kull darba li diversi persuni, li jiffiguraw bħala atturi, jipproponu biex jirriżolvu kwistjoni ta' dritt uniku u identiku, u jkun eskluž "a priori" illi mir-riżoluzzjoni ta' l-istess kwistjoni, f'sens jew f'ieħor, tista' tikkonkorri xi ċirkustanza ta' fatt speċjali għal wieħed jew l-ieħor minn dawk il-persuni atturi.*

*Jekk ma jikkonkorrux dawk ir-rekwiżiti, u l-parti konvenuta topponi ruħha għall-proponibilità ta' l-azzjoni b'ġudizzju kollettiv, il-Qorti ma tistax tagħmel ħaġ'oħra ħlief tiddikjara dak il-ġudizzju improponibili, bħala null. Imma l-eċċezzjoni ta' l-improponibilità ma tistax tiġi sollevata mill-Qorti "ex officio", imma biss mill-parti konvenuta.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li jippremettu illi fl-24 ta' Lulju 1951 mietet Marianna xebba Debono, u b'testment tagħha in atti tan-Nutar John Spiteri Maempel tas-17 ta' Jannar 1950, istitwiet u innominat eredi tagħha lill-konvenuta (dok. A); u illi l-istess testatriċi, b'testment ieħor in atti Nutar V. Bisazza tat-8 ta' Diċembru 1944, ħalliet diversi legati favur l-attriċi Violet Nicosia; u b'testment ieħor fl-atti ta' l-istess nutar tat-3 ta' Jannar 1948 ħalliet b'titolu ta' legat £250 favur l-attriċi Giovanna Mamo (dokumenti B u C); u illi l-konvenuta, wara li ppossessat ruħha mis-sustanzi ereditarji ta' l-imsemmija Marianna Debono, b'nota preżentata quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Reġina fis-7 ta' Diċembru 1951, aċċettat l-istess eredità bil-benefiċċju ta' l-inventarju (dok. D); u l-in-

ventarju li għalih għamlet riferenza fl-imsemmija nota ġie publikat fl-20 ta' Novembru 1951, u għalhekk wara li skadew it-tliet xhur stabbiliti għal dan l-iskop mill-art. 922 tal-Kodiċi Ċivili; jitolbu illi, wara li jittieħdu l-provvedimenti meħtieġa. u mogħtija d-dikjarazzjonijiet neċessarji, il-konvenuta tiġi dikjarata li *aċċettat il-wirt ta' l-imsemmija Marianna Debono* mingħajr il-benefiċċju ta' l-inventarju għas-sens ta' l-art. 923 tal-Kodiċi Ċivili. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta, li ġiet inġunta għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċezzioni tan-nullità taċ-ċitazzjoni. sollevata mill-konvenuta;

Illi l-konvenuta tallega illi ċ-ċitazzjoni hija nulla, għaliex timporta dik li fid-dottrina tissejjaħ "citazione collettiva", li mhix permessa. Ma hemmx dubju li f'dan il-każ jittratta minn ġudizzju kollettiv; imma ġudizzju simili ma jistax jingħad illi hu dejjem u fi kwalunkwe każ null; għaliex hemm każi meta dan il-ġudizzju hu wkoll ammess. Kif irritenjet din a l-Qorti fis-16 ta' Diċembru 1953, fil-kawża fl-ismijiet "Azzopardi vs. Micallef", għall-ammissibilità tal-ġudizzju kollettiv hu meħtieġ mhux biss illi l-kwistjoni li tkun trid tiġi riżoluta tkun identika għal kull wieħed mill-atturi, imma wkoll illi l-interess derivanti mit-titolu u l-oġġett tal-kawża jkun komuni. Jiġifieri illi ċ-ċitazzjoni kollettiva hu ammissibili kull darba li diversi persuni li jiffiguraw bħala atturi jipproponu biex jirriżolvu kwistjoni ta' dritt uniku u identiku, u jkun eskluż "a priori" illi mir-riżoluzzjoni ta' l-istess kwistjoni, f'sens jew f'ieħor, tista' tikkonkorri xi ċirkustanza ta' fatt speċjali għal wieħed jew l-ieħor minn dawk il-persuni atturi. U trid issir dik l-esklużjoni "a priori", għaliex ma jistax jiġi ammess ġudizzju kollettiv preventiv li fih jiġi deċiż jekk hemmx jew le dik iċ-ċirkustanza speċjali li tista' tinfluwixxi fuq ir-riżoluzzjoni tal-kwistjoni ta' dritt. Jekk ma jikkonkorrux dawn ir-rekwiżiti, u l-parti konvenuta topponi ruħha għall-proponibilità ta' l-azzjoni b'ġudizzju kollettiv, il-Qorti ma tistax tagħmel ħaġ'oħra ħlief tiddikjara dak il-ġudizzju improċedibli, bħala null;

Illi, fil-każ taħt konsiderazzjoni l-kwistjoni li għandha

tiġi riżoluta bi unika u identika għal kull waħda miż-żewġ attriċi, dik jiġifieri, jekk il-konvenuta aċċettatx jew le l-wirt ta' Marianna Debono mingħajr il-benefiċċju ta' l-inventarju fis-sens ta' l-art. 923 tal-Kodiċi Ċivili. Fuq dan il-kontendenti jaqblu;

Illi, għalkemm ħadd mill-kontendenti ma ġieb provi in propożitu, ma jidherx illi jista' jiġi eskluż "a priori" illi mir-riżoluzzjoni tal-kwistjoni fuq imsemmija tista' tikkonkorri xi ċirkustanza ta' fatt speċjali għal waħda jew l-oħra miż-żewġ attriċi. Kif issottomettiet il-konvenuta fin-nota tagħha (fol. 28), skond ma jirriżulta mid-dokumenti fil-fol. 7 u 13 tal-proċess, il-fatti speċjali li jirrigwardaw il-legati rispettivi mħollijin lill-attriċi jidhru illi huma differenti; għaliex, almenu, fil-waqt illi l-attriċi Violet Nicosia jista' jkollha interess fit-talba miġjuba fiċ-ċitazzjoni, l-attriċi Giovanna Mamo jista' wkoll tal-volta jkollha dak l-interess, imma mhux għall-istess kawża u raġunijiet kompetenti lill-attriċi Nicosia, billi l-legati ta' waħda għandhom jitħallsu diversament minn dak ta' l-oħra. Għalhekk, taħt dan l-aspett, l-eċċezzjoni tal-konvenuta tidher sostenibili; għaliex ma jidherx illi ż-żewġ attriċi għandhom f'din il-kawża interess identiku;

Illi, kif ġie ritenut fis-sentenza fuq imsemmija, l-eċċezzjoni ta' l-inammissibilità tal-ġudizzju kollettiv mhix sollevabili "ex officio" mill-Qorti, imma biss mill-parti konvenuta, billi f'każ bħal dan mhux l-interess publiku, imma l-interess privat biss jiġi kompromess; b'mod illi, jekk il-parti konvenuta ma titkellem xejn, u tiddefendi ruħha fil-meritu, il-ġudizzju għandu jitkompla; imma jekk, għall-kuntrarju, il-parti konvenuta topponi ruħha għall-kumulu tal-ġudizzju u ma tikkuntentax illi almenu d-domandi jiġu diżġunti, iċ-ċitazzjoni, fuq talba ta' l-istess parti, għandha tiġi dikjarata improċedibili;

Fil-każ taħt konsiderazzjoni, il-konvenuta topponi ruħha għall-proponibilità ta' l-azzjoni b'ġudizzju kollettiv;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiċħda' l-eċċezzjoni tal-konvenuta, billi tiddikjara illi l-azzjoni ta' l-attriċi mhix ammissibili, u illi bħala tali hija nulla. L-ispejjeż ħallsuhom l-istess atturi.

---